**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI IŻ-ŻURRIEQ**

**LAQGĦA ANNWALI DIĊEMBRU 2025**

**17 TA' DIĊEMBRU 2025**

**Il-Kunsill Lokali Iż-Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Iż- Żurrieq Fl-17:30 ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-Kunsilliera s-Sur Kyle Mifsud, s-Sur Dino Bonnici, s-Sinjorina Marylyn Sammut, s-Sur Jeremy Coleiro u s-Sur Daniel Muscat.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

Għal din il-laqgħa kienet preżenti persuna waħda biss, fejn wara li s-Segretarju Eżekuttiv qrat ir-Rapport Annwali Amministrattiv u s-Sindku spjegat xi xogħol li qed jagħmel il-Kunsill, din il-persuna qalet li hi imħajra li tibda taħdem bħala Segretarju Eżekuttiv u li bħalissa qed tistudja għad-Diploma fil-Governanza u Kunsilli Lokali.

Il-laqgħa intemmet fis-18:00

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI IŻ-ŻURRIEQ**

**L-GĦAXAR LEĠISLATURA**
**LAQGĦA NUMRU GĦOXRIN**

**17 ta' DIĊEMBRU, 2025**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Iż- Żurrieq Fl-18:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia, l-Kunsilliera s-Sinjura Marisa D'Amato, s-Sur Kyle Mifsud, s-Sur Dino Bonnici, s-Sinjorina Marylyn Sammut, s-Sur Jeremy Coleiro u s-Sur Daniel Muscat.

**SKUŻAT**

Il-Kunsillier Kenneth Farrugia

**ASSENTI**
-
**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **20.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 20.1.1 | | Il-kunsillier is-Sur Kenneth Farrugia informa li ma setgħax jattendi minħabba impenji ta' xogħol. **Dok 1 mehmuż.** |
| | | |
| **20.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 20.2.1 | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia qal li fuq punt 19.11.1 mar hu personali għand il-familja li toqgħod fi Triq Bronja fejn il-Kunsill waħħal arblu bil-mera. Il-familja tinsab imdejqa bil-mera u qed taffettwha psikoloġikament. Kien hemm qbil unanimu li titneħħa. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Il-minuti numru 19 ġew approvati. |
| | | |
| ***20.3*** | | ***Komunikazzjoni mis-Sindku*** |
| | | |
| 20.3.1 | | Is-Sindku qalet li:<br>• Beda jitqassam il-kalendarju 2026, mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.<br>• fil-Verdala jsir Illuminated Trail, u lis-Sindku jingħatawla biljetti. Hi s-soltu tagħtihom lit-tfal vulnerabbli. Offriet li tagħti biljetti lill-kunsilliera imma l-Kunsilliera kollha ċedew il-biljetti tagħhom lit-tfal vulnerabbli.<br>• Ġew il-ħaddiema tal-Cleansing Department biex inaddfu l-funtana ta' Ġnien fi Triq Bronja<br>• Issuġġeriet li tingħata isem għal Triq Zuzu tal-privates. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.<br>• Irringrazzjat lil min ġie l-ikla tal-Kunsill tal-Milied imma ma kienx hemm komunikazzjoni tajba bejn dawk preżenti. Hi ssuġġeriet li għal sena oħra jew issir attività finger foods jew attività ta' team buildin, biex ikun hemm komunikazzjoni bejn dawk preżenti. Il-Viċi Sindku qal li b'30E ma tistax tagħmel team building tajjeb. Hu ssuġġerixxa li tintgħażel ġurnata fejn il-Kunsill jagħmel team building activity li tinkludi l-ikel ukoll u li veru jkun hemm komunikazzjoni bejn dawk preżenti. Kien hemm qbil li ssir l-ewwel attività lejn l-Għid il-Kbir.<br>• Xtaqet li kien hemm aktar konkorrenza mill-Kunsilliera għall-attivitajiet tal-Milied li organizza l-Kunsill. Issuġġeriet ukoll li l-Kunsill jaħtar organizzatur għaliex waħda mill-impjegati tal-Kunsill tbażwret, flimkien magħha u mal-Kunsillier Kyle Mifsud. Qalet ukoll li jiddispjaċiha li l-membri tas-sotto kumitat ma attendewx. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Ser tiltaqa mas-Soċjetajiet taż-Żurrieq, biex jekk jiddeċiedu li ser jarmaw huma, jkunu jridu jieħdu l-armar li hawn armat bħalissa u jżommuh fil-maħżen tagħhom.<br>• Illum il-Kap tal-iskola informa lis-Segretarju Eżekuttiv li ser isir manutenzjoni kbira u li s-swali tal-iskola ma jkunux jistgħu jintużaw għas-sena 2026 u dan ser jinkludi ukoll il-kamra fejn il-Kunsill qed iżomm l-istrumenti. Ġie deċiż li l-Kunsill jikri sala fejn isiru r-rehersals u fejn jitpoġġew l-istrumenti. |
| | | |
| | | |
| ***20.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 20.4.1 | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia qal li hemm bżonn ta' linji fi Triq San Pietru. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 20.4.2 | | Il-Kunsillier Marylyn Sammut qalet li:<br>• Vjal l-Indipendenza hemm bżonn li issir resurfaced. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dik hi waħda mill-prijoritajiet imressqa lill-IM u l-Kunsill ġie mwiegħed li ser issir fis-sena 2026.<br>• Hemm bżonn li jitneħħew is-siġar minn Triq Wied Babu peress li qed itellgħu t-triq bl-għeruq. Is-Sindku qalet li tkellment ma' Project Green u dawn qalu li jekk jinqalgħu imutu. |
| | | |
| 20.4.3 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li :<br>• hemm bżonn li Triq l-Imqabba jsir x-xogħol kemm jista jkun malajr, għax ħafna residenti qed ibgħatu l-konsegwenzi. Is-Sindku qalet li hi tinsisti kuljum biex issir it-triq. Filfatt illum sar patching urġenti fuq it-trika li saret u f'Jannar ser jitkompla u jitlesta. Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li jeħtieġ li fil-fb tal-Kunsill ir-residenti jkunu avżati b'dan.<br>• Biex terġa issir l-attivita' tad-dberik tal-annimali f'Jannar.<br>• Biex l-attivitajiet ta' Jum iż-Żurrieq/Iż-Żurrieq Fest isiru fis 6 u 7 ta' Ġunju minħabba l-attivitajiet tal-knisja.<br>• Fi Triq Filippu Farrugia hemm plot b'ħafna ħaxix selvaġġ biex tinħarat.<br>• Persuna miż-Żurrieq Wayne Pace -wrestler, rebaħ f'kompetizzjoni internazzjonali. Kien hemm qbil li l-Kunsill jawguralu. |
| | | |
| 20.4.4 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li IM ma komplietx ix-xogħol fi Triq il-Kbira k/m Triq San Ġwann. |
| | | |
| ***20.5*** | | ***Attivita Sportiva*** |
| | | |
| 20.5.1 | | l-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li fl-okkażjoni ta' Jum iż-Żurrieq, issir attivita sportiva fuq diversi dixxiplini. Issuġġeriet li ssir is-Sibt filgħodu. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-5k race ser issir fil-31 ta' Mejju.<br>Issir laqgħa ma' Heritage Malta biex issir attivita f'Ħal Millieri ukoll.<br>Kien hemm qbil li l-attivitajiet sportivi jsiru fil-Ġnien tal-Ġibjun. |
| | | |
| ***20.6*** | | ***Performance Bonuses*** |
| | | |
| 20.6.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rapporti li ħejjiet fuq l-iskrivani tal-Kunsill. Hi pproponiet li kollha jieħdu full bonus ta' 10%. Kien hemm qbil unanimu fuq dan. Ir-rapporti jinsabu mehmuża **Dok 2**. |
| | | |
| 20.6.2 | | Is-Sindku ressqet ir-rapport tagħha li ħejjiet fuq is-Segretarju Eżekuttiv fejn ipproponiet li tieħu full bonus ta' 10%. Kien hemm qbil unanimu fuq dan. Ir-rapport jinsab mehmuż **Dok 3.** |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| ***20.7*** | | ***Items oħra ta' xogħlijiet tal-Kunsill li jkunu meħtieġa.*** |
| | | |
| ***20.8*** | | ***Approvazzjonijiet : Xogħlijiet u Servizzi.*** |
| | | |
| 20.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet:<br>• Persuna li toqgħod fejn ħanut tal-merċa fi Vjal ix-Xarolla, trid li jsiru bollards fuq il-bankina, għax qed tallega li l-vetturi qed jitilgħu l-bankina u jkissru t-tappiera tad-drenaġġ tad-djar. Ma kienx hemm qbil fuq dan.<br>• Tliet familji minn Triq Serafin M Zarb iffirmaw li jridu sleeping policeman quddiemhom, minħabba l-veloċita li qed jgħaddu l-vetturi. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Inqrat email ta' resident minn Vjal il-Blue Grotto li jrid li tiġi installata cctv jew isir traffic management aħjar għall-akwata fejn hemm il-ħwienet bejn Vjal il-Blue Grotto u Triq l-Imqabba. Il-Kunsill dejjem tkellem ma' TM fuq dan.<br>• Hemm talba biex issir car show fi Vjal ix-Xarolla fl-10 ta' Mejju, 2026.<br>• Ser jiġi armat tower crane fi Triq Dun Gejt Muscat, għal tul ta' 7 xhur. Għandu rapport tal-health and safety officer inkluż. It-triq mhux ser tingħalaq. Kien hemm qbil fuq dan. Biex joħroġ 4metri 'l barra, faċċata ser ikun hemm 4 parkeġġi li ma jkunux jistgħu jintużaw. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Residenti minn Triq Zakkarija Ronkali ilmentaw minn ħafna tiġieġ li hemm fit-triq u li qed iqattgħu l-boroż tal-iskart. Il-Kunsillier Dino Bonnici ssuġġerixxa li jsir bin tal-organic Waste fil-viċinanzi. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 20.11.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ħadet linja gwida mingħandi d-Direttur tal-Gvern Lokali fuq il-persuni li jiġu jitkellmu waqt is-seduti tal-Kunsill. Ġiet infurmata li dan ma jistax isir għaliex ir-residenti għandhom żewġ laqgħat tal-komunita fejn jistgħu jintervjenu. Hi ressqet l-email li rċeviet mid-Direttur flimkien mal-proċeduri legali.<br>Il-Kunsillier Dino Bonnici talab li l-email li bagħat b'risposta ta' din, tiġi mibgħuta lid-direttur. |
| | | |
| ***20.9*** | | ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tar-Reġjun Punent.*** |
| | | |
| 20.9.1 | | Tressqu l-minuti tar-Reġjun Punent numru 54. |
| | | |
| ***20.10*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 20.10.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 4** għall-ammont totali ta' €43,438.45 |

| | | |
|---|---|---|
| | | Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia u Jeremy Coleiro. |
| | | |
| ***20.11*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS u TAL-LAQGĦA ANNWALI*** |
| | | |
| 20.11 .1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-19:55. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar il-Erbgħa 21 ta' Jannar, 2025, fis-6:00 ta' filgħaxija.<br><br>F'dan il-punt is-Sindku Rita Grima tat flixkun żejt pur lil kull Kunsillier minn dak li kien inqata waqt l-attivita li saret. Hi qalet li ser toffri żewġ flixken żejt lill-Kunsilliera li dak inhar tal-attivita taw l-għajnuna tagħhom – il-Kunsilliera Marylyn Sammut u Kenneth Farrugia. |

Konfermati, illum ___ ta' Jannar, 2026

Rita Grima
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**